MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Numru. 394/2010

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Felice Delia, iben Emmanuel, imwieled Ħaż-Żabbar fil-21 ta’ Ġunju, 1965, Karta ta’ l-Identita numru 307765(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-24 ta’ Marzu, 2010 għal ħabta tat-3.30 p.m. ġewwa Triq l-Inkurunazzjoni, Żabbar volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ għamel ħsara fil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAG 063, ta’ għamla Daewoo Espero, liema ħsarat huma ta’ aktar minn €117.47 għad-dannu ta’ Maria Muscat;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2010 fejn Maria Muscat infurmat il-Qorti li l-imputat ħallas id-danni ta' €280.80 u għalhekk qed taħfirlu tal-akkadut.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------